**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Frar 2022**

**Avviz nru: 85/2020 MLF**

**Christian Borg**

**vs**

**Anthony Abela**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors Christian Borg li talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' disa t'elef tlett mija u wiehed u hamsin Euro u centezmu (€9,351.01) rapprezentanti l-ammont ta' sitt elef tmien mija u hamsa u ghoxrin Euro u tmintax-il centezmu (€6,825.28) ghall-kiri tal-vettura LQZ195 illi huwa kera u baqa juzaha ghall-perjodu bejn il-hdax (11) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018) sal-ghaxra (10) ta' Settembru tal-elfejn u dsatax (2019) u l-ammont ta' elfejn hames mija u hamsa u ghoxrin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€2,525.83) rapprezentanti multi nkorsi minnu fil-perjodu meta kien qieghed jaghmel uzu tal-istess vettura.

Rat li l-konvenut debitament notifikat naqas li jipprezenta risposta u li jidher fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2022

Rat li fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2022 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut

Rat li fis-seduta tal-lum il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tal-attur ghandu jitqies bhala mistqarr.

Semghet ix-xhieda ta' Chantelle Bugeja fis-seduta tal-lum li pprezentat id-dokumenti relattivi u ddikjarat li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu

Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u d-dokumenti esebiti

Il-Qorti hija sodisfatta li t-talba attrici tirrizulta gustifikata

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma disa t'elef tlett mija u wiehed u hamsin Euro u centezmu (€9,351.01)

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, ghandhom jigu subiti mill-konvenut

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**